MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tad-9 ta' Mejju, 2003

Numru 223/2001

**Il-Pulizija**

**v.**

**John Magro**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra John Magro talli fil-kwalita` tieghu ta' Direttur ta' Gozo Retail Services Ltd. ta' 9/10 Valley Street, Rabat, Ghawdex, meta fl-20 ta' Jannar, 1999 temm il-kuntratt definit ta' l-ex- impjegata tieghu Georgina Gauci, liema kuntratt kellu jiskadi fit-18 ta' Settembru tas-sena 2000, fuq bazi ta' *redundancy*, hu naqas li jikkumpensaha ta' dan il-ksur b'ammont ekwivalenti ghal nofs il-paga li kienet tmiss lill-istess ex-impjegata dwar il-bqija taz-zmien espressament miftiehem, u cioe` s-somma ta' Lm2240.25c u dan bi ksur ta' l-Artikoli 10, 34(11) u 41 tal-Kap. 135; l-ewwel qorti kienet mitluba li tordna lill-akkuzat li jhallas lil Georgina Gauci l-ammont ta' Lm 2240.25c

bhala kumpens ghall-ksur tal-kuntratt tax-xoghol miftiehem bejniethom;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tat-28 ta’ Novembru 2001 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi John Magro hati u kkundannatu jhallas multa ta hamsin lira (Lm50) u li jhallas lil Georgina Gauci s-somma ta’ Lm2240.25c fi zmien xahar;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ John Magro, minnu ppresentat fis-7 ta’ Dicembru 2002, li permezz tieghu talab ir-revoka ta’ l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi d-deposizzjonijiet moghtija quddiem din il-Qorti diversament presjeduta; semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tas-6 ta’ Jannar, 2001; ikkunsidrat:

L-appellant ghandu bazikament tlett aggravji li jistghu jigu sintetizzati hekk: (1) L-ewwel aggravju hu fis-sens li l-ewwel qorti ghamlet apprazzment zbaljat tal-fatti ossia tal-provi. Skond l-appellant il-versjoni moghtija minnu – u cioe` li Gauci kienet abbandunat l-impieg – kienet aktar kredibbli minn dik ta’ l-istess Gauci – u cioe` li l-impieg taghha gie terminat fuq bazi ta’ *redundancy*. (2) It-tieni aggravju hu fis-sens li anke jekk wiehed kellu jaccetta li Gauci verament tkecciet minhabba *redundancy*, hu qatt ma seta jinstab responsabbli kriminalment kif effettivament instab peress li hu ma ha ebda decizjoni fil-konfront ta’ Gauci biex jintemm l-impieg taghha, u li fi kwalunkwe kaz ma setax jinghad li kien hemm ir-responsabbilta` vikarja tieghu ghal xi nuqqas tal-kumpanija. (3) It-tielet aggravju, u dan qed jigi migjub bla pregudizzju ghall-ewwel tnejn, hu li jekk il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li Gauci tkecciet mix-xoghol, id-decizjoni tal-principal kienet gustifikata peress li din Gauci kienet agixxiet b’mod li jippregudika l-andament tan-negozju fejn hija kienet impjegata.

Dwar l-ewwel aggravju l-appellant jikkontendi li dan ma kienx kaz ta’ terminazzjoni ta’ impieg minhabba *redundancy*, izda kaz fejn l-impjegata ghazlet minn jedda

li tabbanduna x-xoghol hekk kif inghatat *warning* mis-superjuri taghha fl-20 ta' Jannar, 1999 u rrifjutat li tiffirma l-avviz. Fir-rikors tieghu l-appellant jghid li l-versjoni ta' Gauci hija kontradetta minn dik moghtija minn Noel Camilleri u John Saliba. Il-Qorti qabel xejn tixtieq tippreciza li f'dawn il-proceduri Noel Camilleri ma xehedx. Ghar-rigward tax-xiehda moghtija mill-appellant fuq x'wassal biex gie tterminat l-impieg ta' Gauci minn mal-kumpanija, l-appellant xehed mhux dwar dak li jaf personalment hu, izda dwar dak li qallu Noel Camilleri. Skond John Saliba ir-raguni ghala fic-certifikat tat-tmiem ta' l-impieg hemm imnizzel *"redundancy"* hi *"…biex inkunu qieghdin nipprotegu lil Georgina Gauci stess biex meta tigi biex issib xoghol tkun tista' ssib xoghol, fis-sens illi l-mod kif telqet, li qabdet u telqet bla ebda raguni, tkun difficli hafna kieku ktibnilha dik it-tip ta' raguni ghala temmet ix-xoghol taghha kienet tkun impossibli ghaliha jew kwazi impossibli li ssib xoghol iehor"* (ara deposizzjoni fol. 109). Minn naha l-ohra Gauci cahdet kategorikament li kienet hi li abbandunat l-impieg, u c-certifikat ta' tmiem ta' impieg mahrug mill-principal u li jirrizulta li gie ffirmat min Noel Camilleri – li, kif inghad, ma xehedx f'dawn il-proceduri – jikkorrobora pienament il-versjoni ta' l-istess Gauci li l-impieg taghha gie tterminat minhabba *redundancy*. Din il-Qorti difficilment tista' tifhem kif kumpanija, fejn suppost il-grad manigerjali jaf ix-xoghol tieghu u jaf xi jsarraf (ghall-istess principal) certifikat ta' tmiem ta' impieg bil-kelma *"redundancy"*, taghti din ir-raguni fl-imsemmi certifikat biex, suppost, tghin impjegata li wara kollox kienet impjegata (skond l-istess *managers*) mhux tant ta' imgieba tajba. Jekk verament riedu jghinu lil Gauci, ma setghux kitbu *"resigned"* flok *"abandoned work"*? Apparti li din il-Qorti, bhala qorti ta' revizjoni, ma tiddisturbax leggerment l-apprezzament tal-provi li jkun gie maghmul mill-ewwel qorti, fic-cirkostanzi ma huwa xejn verosimili li fic-certifikat tat-tmiem ta' l-impieg ta' Gauci ma inghatatx ir-raguni vera ghat-terminazzjoni ta' l-impieg taghha. Ghalhekk dana l-ewwel aggravju qed jigi respint.

Kwantu ghat-tieni aggravju, l-appellant jistrieh fuq dik il-parti tal-Artikolu 13 ta' l-Att dwar l-Interpretazzjoni (Kap. 249) li tghid bazikament li direttur jew *manager* ma jkunx

responsabbli vikarjament ghar-reat kommess mill-kumpanija jekk hu jipprova (imqar fuq bazi ta' probabbilita`) li r-reat ikun sar minghajr it-taghrif tieghu u (mhux jew) li hu jkun ezercita id-diligenza kollha xierqa biex jevita l-eghmil tar-reat. Effettivament disposizzjoni prattikament identika ghal dan l-Artikolu 13 wiehed isibha l-Artikolu 42 tal-Kap. 135 applikabbli ghal dan il-kaz. Dak li donnu mhux qed japprezza l-appellant hu li r-reat in dizamina m'ghandux jaqsam mar-raguni ghalfejn gie terminat l-impieg ta' Gauci izda jikkonsisti fin-nuqqas tal-principal (f'dan il-kaz, il-kumpanija) li jhallas nofs il-paga li kienet tmiss lill-impjegata kieku baqghet fl-impieg. Il-fatt li l-appellant jikkontendi li t-terminazzjoni ta' l-impieg ma saritx bil-kunsens tieghu ma ghandha l-ebda relevanza biex wiehed jistabilixxi jekk huwa huwiex hati tar-reat li bih gie akkuzat. Mill-provi jirrizulta car li l-appellant kien gie mgharraf b'dak kollu li kien qieghed jigri u kien jaf li Georgina Gauci ma irceviet l-ebda hlas. Bhala direttur kellu l-obbligu li jara li l-impjegata (jew ex-impjegata) tircevi l-hlas li jiffissa l-Artikolu 34(11) tal-Kap. 135. Inoltre ma jirrizulta li hu ghamel xejn biex jipprova jevita l-eghmil tar-reat, tant li Gauci ghada sal-lum ma rcevietx il-hlas li legalment hija intitolata ghalih. Ghalhekk dana it-tieni aggravju huwa wkoll infondat.

Fir-rigward tat-tielet aggravju ma hemmx wisq x'wiehed jghid. Dana l-aggravju huwa msejjes fuq il-kontenzjoni li l-kumpanija kienet gustifikata li tittermina l-impieg ta' Gauci, u dan minhabba l-imgieba taghha. Pero` hawn l-appellant qed jikkontradixxi lilu nnifsu. In fatti il-provi li hu ttanta li jgib kienu fis-sens li Gauci ma kienitx tkecciet mill-kumpanija izda kienet hi li abbandumat ix-xoghol. Ghalhekk dana l-aggravju huwa wkoll respint.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. Il-periodu ta' xahar ghall-hlas dovut lil Gauci jibda jiddekorri mill-lum.

--------------------------------TMIEM--------------------------------